Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni nru. 2275/2023

James Grech

Vs

Bank Of Valletta.

Illum, 27 ta' Diċembru, 2023

Il-Qorti;

Rat ir-rikors promotur fejn ġie *inter alia* mitlub illi l-Bank intimat jiġi miżmum jagħmel varji azzjonijiet fil-konfront tar-rikorrenti marbuta mal-kariga tiegħu ta' direttur, inkluż li tiġi affettwata r-remunerazzjoni tiegħu bħala direttur jew jiġu mibdula lilu l-kundizzjonijiet tiegħu tax-xogħol mas-soċjeta' intimata jew tad-directorship tiegħu mal-bord tad-diretturi.

Rat ir-risposta oppositorja tal-bank intimat. B'mod partikolari rat ukoll estratt mill-minuti tal-Bord tad-Diretturi tat-28 ta' Novembru, 2023[1], għalhekk ferm qabel id-digriet tagħha  tal-5 ta' Diċembru, 2023 fejn laqgħet it-talba promotura b'mod provisorju.[2]

Rat li dik ir-rizoluzzjoni laqtghet mhux ftit il-qalb tat-talba tar-rikorrenti u n kwantu ppreċediet l-istess talba u kienet fatt kompjut qabel id-digriet provisorju mnsemmi. Għalhekk qatlet  kull azzjoni futura li tista tiġi milquta b'dan l-att kawtelatorju. Huwa ovvju li din it-talba n eżami tista taffettwa biss dak li għadu ma sarx mhux il-fatt kompjut. Għalhekk fejn it-talba hi marbuta ma dak deċiż fir-risoluzzjoni msemmija, żgur li ma tistax titlaqa''

[1] Dok BCV1

[2] Didriet inkluż fl-atti ta' dan il-mandat.

Inoltre kif inhu ben miżmum il-Qorti hawn trid u tista tagħmel biss eżami fuq livell ta' prima facie biex tara jekk ir-rikorrenti għandux jedd x'jipproteġi, jedd li jkun tali li jibbaża l-fumis juris li fuqu tistrieh il-kawza li sseġwih.

Oltre hekk b'mod kumulattiv, tali jedd irid ikun tali li jekk mhux protett b'din il-kawtela, r-rikorrenti jsofri preġudizzju tali lil ħsara ikkagunata tkun irrimeddjabbli u rriparabbli.

Dawn ir-rekwiżiti, kif intqal kumulattivi, huma *sine qua non* għal ħruġ ta' din il-kawtela eċċezzjonali, kif jingħad *"...mhux normali ta' provediment legali".*

Il-Qorti tagħraf lir-rikorrenti barra l-ilmenti mressqa marbuta mal-attendenza tiegħu f'board meetings u renumerazzjoni bħala diretttur, illum milquta bir-reżoluzzjoni ndikata, jaf għandu jeddijiet oħra marbuta mal-kariga eżekuttiva tiegħu mal-bank, li ma ġewx hekk milquta b'dik ir-reżoluzzjoni. Dan huwa l-jedd tiegħu *prima faċie.*

Però, jekk issoffri preġudizzju fir-rigward, dan huwa wieħed li huwa sodisfatt *qua* danni b'mod pekunjarju. Dan l-att ta' natura daqshekk straordinarja ma jistax jintuża meta hemm kawtela oħra aktar ordinarji li jafu jkunu opportuni fir-rigward.

Konsegwentement tiċħad it-talba kif dedotta.

Fiċ-ċirkostanzi ta' kif żvillupaw l-affarijiet bejn il-partijiet tqies li kull parti għandha tbaghti l-ispejjeż minnha nkorsi.

**Onor. Miriam Hayman.**

**Imħallef**